**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 22 ta' Marzu 2022**

Rikors Numru: 330/21 AL

AB

vs

CD

(MR Number 1911/2014)

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tiegħu ppremettiet:

1. ILLI l-partijiet ikkuntrattaw iz-zwieg civili taghhom fir-Registru Pubbliku ta' Malta, Il-Belt Valletta fis-sitta (6) ta' Settembru tas-sena 2014 u dan minn kif jidher mic-certifikat taz-zwieg li kopja tieghu hija hawn annessa u markata "Dok A";

2. ILLI l-partijiet ma baqghux jirrisjedu flimkien minn Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018) minhabba problemi diversi, fosthom problemi ta' vjolenza domestika u finalment isseparaw legalment b'kuntratt ta' Separazzjoni Personali datat disa u ghoxrin (29) ta Lulju, tas-sena

elfejn u dsatax (2019) ppublikat minn Nutar Dr Sean Critien li kopja tieghu hija hawn annessa u markata "Dok B";

3. ILLI minn dan iz-zwieg tal-koppja kien hemm zewg ulied bl-isem ta` X li llum ghandha disa (9) snin u Y li llum ghandha hames (5) snin u kif jistipula lkuntratt ta` separazzjoni, partikolarment artiklu 26 tal-imsemmi kuntratt (pagna 15), il-konvenut huwa obbligat li jivversa manteniment lejn uliedu favur l-attrici li maghha baqghu jirrisjedu l-ulied fl-ammont ta erba mija u sebghin Ewro (€470) fix-xahar li jirraprezenta kwantu ghal mitejn u hamsa u tletin Ewro fixxahar (€235) ghal kull wild, liema ammont f'manteniment jinkludi attivita' wahda extra-kurrikulari ghall kull minuri, waqt li l-artiklu 27 tal-istess kuntratt jistipula li l-ispejjez edukattivi u medici ghandhom ikunu pagabbli nofs bin-nofs bejn l-istess genituri.

4. Minn dakinhar tal-iffirmar tal-kuntratt, il-konvenut onora l-obbligi kontrattwali tieghu;

5. ILLI m'hemm l-ebda prospett ragionevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi ilhom hafna aktar minn tlett (3) snin u xahar fattwalment separati minn xulxin u qeghdin jghixu hajja totalment separata minn xulxin u di fatti artiklu 32 f’ pagna 17 tal-kuntratt jistipula u jiddikjara li l-partijiet jiddikjaraw li ilhom separate de facto minn Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018);

6. Illi f'dak li jirrigwarda manteniment dovut lejn il-konjugi, fl-artiklu hamsa (5) tal-istess kuntratt ta' separazzjoni, l-komparenti partijiet fuq il-kuntratt kienu formalment iddikjaraw li qed jiddekadu mid-dritt taghhom illi jitolbu u jircievu manteniment minghand xulxin, liema dekadenza hija definittiva u rrevokabbli u tibqa valida u veljanti anke jekk ikun hemm tibdil fic-cirkostanzi rispettivi;

7. Illi ghal kull bon fini irid jinghad li l-artiklu 33 f'pagna 17 tal-kuntratt ta' separazzjoni hawn citat, l-attrici kienet irrivertiet ghal kunjom xbubitha u cioe' Zarb u dan il-fatt huwa rifless fuq wara tal-Att (certifikat) taz-Zwieg hawn anness.

8. ILLI l-attrici jidhrilha li dawn il-fatti hawn tad-divorzju fuq imsemmija skont l-Artikolu jissodisfaw 66B tal-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta Malta.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenta titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur Onorabbli Qorti, tal-Qrati javza sabiex fi zmien mholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-13 ta' Settembru, 2021;

Rat illi l-intimat prezenti fl-awla u fuq domanda tal-qorti wieġeb li m'għandu l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom *de facto separati* minn Mejju 2018 u legalment separati sa mid-29 ta' Lulju 2019.

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.